**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**KAZ NRU. 494/2016**

**GY u WY**

**(l-ilmentaturi)**

**vs**

**MFSP Financial Management Ltd.**

**(C42720) (il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tal-10 t'April 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment fejn fil-qosor l-ilmentaturi jsostnu li:**

Huma qed jitolbu li jigu rifuzi s-somma ta' tletin elf u disa' mitt ewro rapprezentanti flus li huma investew fuq parir tal-provditur tas-servizz liema somma tinkludi l-investiment li ghamlu fil-prodott *EURUS SAFE Fund Account 2009 I A/S* u l-*commission* li ha l-provditur tas-servizz.

Huma jsemmu diversi nuqqasijiet li ghamel il-provditur tas-servizz fil-konfront taghhom, fosthom:

Li il-*EURUS* gie mibjugh lilhom bhala investiment garantit.

Il-provditur tas-servizz ma ghamilx *due diligence* u l-verifiki necessarji qabel ma ippropona l-investiment, biex jizgura li l-investiment kien wiehed realistiku u serju. Tqajmu diversi mistoqsijiet f'dan ir-rigward fosthom x'verifiki saru fuq l-

affidabilità, kapacità, *track record*, esperjenza, likwidità, stat ta' finanzi u reputazzjoni tal-persuna/i u l-entitajiet wara l-*EURUS.*

Gie sottomess li lanqas ma ttiehdu l-prekawzjonijiet necessarji mill-provditur tas-servizz biex jigi accertat fejn u kif qeghdin jitqieghdu u jigu investiti l-flus tal-investituri fil-*EURUS,* u prekawzjonijiet ohra ntizi biex jipprotegu lill-ilmentaturi. F'dan ir-rigward, gie sottomess li dan sar bi ksur tal-obbligi li l-provditur tas-servizz kien suggett ghalihom bhall-obbligi fiducjarji, dawk mill-Kodici Civili u l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur kif ukoll prattici kummercjali. L-ilmentaturi ssottomettew ukoll li meta gie propost l-investiment lilhom kien hemm nuqqasijiet ohra li jinkludu negligenza u nuqqas ta' esperjenza u kwalifiki jew licenzji necessarji mill-provditur tas-servizz relatat mal-bejgh tal-*EURUS*.

Izjed minn hekk, l-ilmentaturi ma nghatawx informazzjoni adegwata fuq il-*EURUS* u fuq il-proposta ta' investiment li saritilhom meta wiehed jiehu anke in konsiderazzjoni n-nuqqas ta' gharfien u konoxxenza taghhom fuq in-natura tal-investiment in kwistjoni. Hekk kif indikat fl-affidavit datat 30 ta' Marzu 2017, ta' wiehed mill-ilmentaturi, huma saru jafu bil-prodott wara li raw *leaflet* li kien gab it-tifel taghhom u li l-provditur tas-servizz qatt ma ltaqa' maghhom fuq l-investiment izda pprovda d-dokumenti fuq l-investiment *tramite* binhom li kien jahdem magenb l-ufficcju tal-provditur tas-servizz. [1]

L-ilmentaturi issottomettew ukoll li hadd ma kellimhom direttament jew ipprovdilhom informazzjoni fuq x'kien qed jigri, u kien biss f'Mejju tas-sena 2016, li irrealizzaw li l-investiment mhux ser jigi rkuprat peress li qabel hasbu li kienu biss ittardjaw il-pagament ta' interessi.

Ghalhekk qed jitolbu li jinghataw lura s-somma investita ghall-ammont ta' Eur30,900, kif ukoll il-qligh li gie garantit u mwieghed lilhom u/jew imghax legali mid-data tal-investiment sad-data tal-pagament effettiv, u l-ispejjez legali.[2]

**Min-naha tieghu il-provditur tas-servizz wiegeb:**

1. Illi s-Socjetà Esponenti teccepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156(f) kif ukoll il-preskrizzjoni biennali ai termini tal-

[1] A fol. 86
[2] A fol. 9

Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex kemm ir-relazzjonijiet kuntrattwali kif ukoll kull forma ta' interazzjoni extra-kuntrattwali li setghet sehhet bejn il-partijiet sehhew sew qabel id-dekadenza tal-perijodi ta' preskrizzjoni applikabbli. Ir-relazzjoni kontrattwali bejn is-Socjetà Esponenti u l-Ilmentaturi gie konkluz fl-4 t'April 2008 (vide *Client Profile - Section 8 - Client Agreement* anness u mmarkat bhala 'Dok MFSP 1'). Barra minn hekk, ghall-kuntrarju ta' dak li ddisponu l-Ilmentaturi fl-Ilment, mhuwiex minnu li l-ewwel li intebhu li seta' kien hemm l-allegat dannu kien f'Mejju 2016, u dan ghaliex fl-4 ta' Jannar 2011, kienu l-Ilmentaturi stess li ffirmaw prokura (hawn annessa u mmarkata bhala '***Dok MFSP 2***') fejn awtorizzaw lis-Socjetà Esponenti tramite avukati fid-Danimarka, cioè, Martin Gras Lind, biex jirraprezenta l-interessi taghhom f'kull waqt biex iharrek, jiddefendi u jigbor dak kollu li jista' jkun dovut bil-ghan li jiehu hsieb l-interessi tal-Ilmentaturi fir-rigward il-frodi kriminali fil-*Eurus Safe Fund Account 2009 I A/S* li fuqu issa qeghdin iressqu dan l-Ilment u ghalhekk f'kwalunke kaz; hemm id-dekadenza tal-preskrizzjoni applikabbli;

2. Illi ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Socjetà Esponenti tirrespingi l-allegazzjonijiet liema allegazzjonijiet jirreferu ghas-Socjetà Esponenti bhala wahda li hi *'ma haditx prekawzjonijiet necessarji bi ksur tal-obbligi kollha relattivi taghhom inkluzi l-obbligi fiducjarji taghhom u obbligi ohra fost ohrajn naxxenti mill-Kodici Civili'* stante li obbligazzjonijiet fiducjarji jinqalghu bis-sahha tal-ligi, kuntratt, assunzjoni ta' kariga jew imgiba fejn persuna (u mhux proveditur ta' servizzi finanzjarji) jezercita kontroll skont Artiklu 1124A tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad ukoll li jrid ikun hemm distinzjoni bejn obbligi regolatorji u dawk naxxenti u mehtiega mil-ligi civili. Dawn huma zewg oqsma differenti u xi allegat ksur ta' obbligu regolatorju mhux necessarjament jaghti lok jew jirrizulta fi ksur ta' obbligu naxxenti mil-ligi civili b'mod awtomatiku. Is-Socjetà Esponenti hi entità regolata mill-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) u, ghalhekk huma soggetti ghal regolamenti fil-qasam regolatorju. Ghalhekk l-allegazzjonijiet mill-Ilmentaturi fuq xi agir negligenti u nuqqasijiet ta'

obbligi naxxenti mill-Kodici Civili, ma jistghux jigu mqajma minhabba xi allegat nuqqas tal-obbligi regolatorji;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba hija manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex fuq il-mertu assolutament ma kien hemm l-ebda nuqqas ta' hila, sengha u traskuragni jew wisq anqas negligenza fit-twettiq tal-inkarigu da parti tas-Socjetà Esponenti ghaliex f'kull waqt is-Socjetà Esponenti agixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla prattici fis-swieq finanzjarji u mar-regim regolatorju dettaljatissimu f'dan is-suq. Kif ukoll ma kien hemm ebda nuqqas ta' harsien tad-dmirijiet fiducjarji u tar-Regolamenti dwar l-Investimenti tal-MFSA fil-konfront tal-Ilmentaturi meta sar il-bejgh lilhom tal-investimenti suriferiti kif se jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan l-Ilment.

4. Illi fil-mertu, l-Ilment u t-talbiet tal-atturi huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Ilment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez ghaliex:

    a. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost u *in subsidium* ghall-istess, fi kwalunkwe kaz ma kienx l-agir tas-Socjetà Esponenti li kkawzat l-allegati danni sofferti mill-Ilmentaturi u ma jissussistix in-ness tal-kawza u l-effett bejn kwalsiasi agir tas-Socjetà Esponenti u eventwali danni sofferti mill-Ilmentaturi liema kwalunwe telf li garrbu l-konjugi GY u WY huwa rizultat ta' frodi hekk kif irrizulta minn investigazzjonijiet (vide anness u mmarkat ***'Dok MFSP 3'***) Kwalunkwe allegat telf li sehh, sehh totalment bhala rizultat ta' cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom assolutament ma kellhom jew ma seta' jkollhom l-ebda kontroll is-Socjetà Esponenti u kif agixxew is-Socjetà Esponenti huwa totalment irrelevanti fic-cirkostanzi ghaliex l-avvenimenti li sehhew

    kienu jsehhu xorta ezatt kif sehhew, liema avvenimenti estranei mill-volontà u l-kontroll tas-Socjetà Esponenti kkawzaw id-dannu allegat;

b. Il-prodott finanzjarju li fuqu issa ressqu l-Ilment taghhom kien fil-hin jghodd jew a*ppropriate* ghalihom kif iffirmaw huma stess fil-*File Note* (immarkat u anness bhala ***'MFSP 4'***). Il-fatt li dawn kienu *appropriate* jidher li ma huwiex jigi kkontestat;

c. Illi fi kwalunkwe kaz it-talba tal-Ilmentaturi hija ghal kollox infondata u ghandu jigi michud u dan ghaliex kif sejjer jigi ampjament ippruvat, l-Ilmentaturi la kienu u lanqas setghu jigu ingannati jidhlu fl-ebda kuntratt, u s-Socjetà Esponenti kienet biss esegwiet l-ordinijiet moghtija lilha mill-Ilmentaturi fuq bazi ta' servizz *Promote and Sell*. L-Ilmentaturi qatt ma gew solicitati sabiex jidhlu f'relazzjoni mas-Socjetà Esponenti u qatt ma nghataw pariri ta' investiment skont il-ligi, izda Lorraine Falzon, bhala impjegata ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjetà Esponenti, sempliciment esegwiet l-istruzzjonijiet ta' investiment, liema ghemil huwa regolat b'mod differenti minn *advisory* jew *discretionary portfolio management* u dan skont ir-regolamenti finanzjarji. Dan tant hu minnu li l-Ilmentaturi dahlu f'dan l-investiment **direttament** fejn huma sottokrittew fin-nom taghhom personalment kif huwa indikat fis-*Subscription Form* iffirmat minnhom (anness u mmarkat bhala ***'Dok. MFSP 5'***), u mhux tramite s-Socjetà Esponenti. Ghaldaqstant, l-agir jew nuqqas ta' agir li l-Ilmentaturi qeghdin jallegaw li kkawzalhom telf, mhux talli ma ghandu l-ebda bazi fil-ligi, talli lanqas kien servizz li huma stess talbu jew inghata lilhom.

d. Illi ghalhekk, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, l-Ilmentaturi kienu u ghadhom investituri ta' certu esperjenza fis-suq finanzjarju, kif inhuwa indikat mill-*Client Profile Setion 2 – Assets and Liabilities* (***Dok 'MFSP 1'***), fejn iddikjaraw li qabel ma avvicinaw lis-Socjetà Esponenti huma kienu digà investew fi prodotti finanzjarji lokali kif ukoll ta' barra kemm tat-tip *UCITS,* kif ukoll ta' natura kumplessa, u

ghalhekk huwa assolutament mhux il-kaz li s-Socjetà Esponenti naqset mill-obbligi taghha fil-konfront tal-Ilmentaturi meta Lorraine Falzon, bhala impjegata tas-Socjetà Esponenti, sempliciment esegwiet dak li l-konjugi GY u WY talbu. Barra minn hekk, jinghad ukoll li t-tifel tal-istess konjugi GY u WY, cioè, AY,

studja fuq is-servizzi finanzjarji kif ukoll jahdem fl-istess settur bhala *Business Development Manager* ma' provditur iehor tas-servizzi finanzjarji u li dan akkompanja lill-konjugi GY u WY waqt il-laqghat taghhom mar-rapprezentanti tas-Socjetà Esponenti.

e. Ma tezisti u lanqas ma nghatat, kif ma setghetx tinghata, ebda garanzija awtomatika li investiment bhal dak jirrendi dak li kien minnu mistenni ghaliex l-investiment hu dak li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu.

6. Illi fl-ahhar nett jinghad illi s-Socjetà Esponenti ma thossx illi ghandha tintlaqa' t-talba ghall-ghoti tar-rimedju kif mitluba fl-Ilment kif imressaq mill-Ilmentaturi peress illi l-Ilment mhuwiex gustifikat.

**Sema' lill-partijiet,**

**Ra l-atti kollha tal-kaz,**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjoni dwar preskrizzjoni**

Il-provditur tas-servizz iqajjem l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

Dwar l-eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, il-Qrati taghna sostnew:[3]

'*Illi l-Qrati taghna dejjem irritennew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma 'ex delictu vel quasi'. Meta d-danni huma 'ex contractu' ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn.'*

[3] *Go p.l.c.* vs Charles Dimech, PA 28/07/2011

Barra minn hekk, kif intqal fil-kawza **Avv. Dr Pio M. Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et deciza fis-7 t'Ottubru 2016:**

*'Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art. 2153 tal-Kodici Civili: "il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat" hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali.' (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622)*

Kif anke gie ritenut ricentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kaz simili kontra provditur ta' servizz finanzjarju,[4] ir-relazzjoni hija ta' natura kuntrattwali.

L-ilment odjern huwa bbazat fuq ir-relazzjoni kuntrattwali li sehhet meta l-provdituri tas-servizz investew il-flus lill-ilmentaturi u, ghalhekk, din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghall-kaz odjern u qed tigi michuda.

Dwar il-preskrizzjoni ibbazata fuq l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, din il-preskrizzjoni hija ta' hames snin.

L-Artikolu 2137 tal-KAP. 16 jipprovdi li din il-preskrizzjoni tibda tghaddi minn meta l-attur, f'dan il-kaz l-ilmentaturi, setghu jezercitaw din l-azzjoni.

Meta tkellmu dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna, anke a bazi ghal dak li jipprovdi l-istess Kodici Civili, stabbilew parametri legali kif il-preskrizzjoni ghandha tigi interpretata u applikata, fosthom illi:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

   Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet ***Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe,***[5] ***'Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid***

[4] *Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd.,* PA, 1/06/2017
[5] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 t'Ottubru 2003

***tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq'.***

2. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju.[6] Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza 'Causon vs Sheibani noe' illi:-**

   ***'Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le'.***

3. Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi l-kaz ikun jista' jezercita dik l-azzjoni.

   **Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li:**

   ***'Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'***

4. Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u, ghalhekk, jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilità taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni.[7]

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Arbitru jrid jara jekk fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz irnexxilux jipprova li l-ilmentaturi skadielhom iz-zmien ta' hames snin minn mindu realment setghu jaghmlu l-azzjoni.

F'kazi ta' ghoti tas-servizz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji ma hux logiku u ragonevoli li xi hadd isostni li d-data li minn meta kellu jghaddi z-zmien preskrittiv tkun id-data tal-kuntratt, ghaliex f'dak il-mument l-ilmentatur ikun minghalih li inghata servizz tajjeb li ma jqajjem l-ebda kontroversja mal-provditur tas-servizz u, ghalhekk, ma jistax jibda jiehu passi kontra xi hadd li sa

---

[6] Holland noe vs Chetcuti, QA, – 25 ta' Frar 2000)
[7] Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited, PA, 12/10/2004

dak il-mument m'ghandu l-ebda kwistjoni mieghu. Kieku jaghmel hekk jitqies li qed jiehu azzjoni intempestiva jekk mhux azzjoni vessatorja.

L-ilmentaturi setghu oggettivament jiehdu azzjoni minn dik id-data meta l-fatti ikkristallizzaw irwiehhom u verament kienu f'pozizzjoni li jiehdu azzjoni.

Il-provditur tas-servizz jghid li jekk il-preskrizzjoni ma kellhiex tibda tghodd mid-data tal-kuntratt, allura l-ilmentaturi setghu jiehdu azzjoni mill-4 ta' Jannar 2011, meta ffirmaw prokura lill-provditur tas-servizz biex jinghaqdu mieghu u m'ohrajn biex jirkupraw l-investiment.

Dan l-argument ma jregix ghaliex din il-prokura giet iffirmata mill-ilmentaturi ghaliex il-provditur tas-servizz beda jittamahom li setghu jirkupraw flushom.

*Ex admissis*, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-provditur tas-servizz jghid illi din il-prokura giet iffirmata mill-ilmentaturi '***a bazi ta' dak li ntqal lill-inverstituri permezz ta' laqghat u korrispondenza'.***[8]

L-ilmentaturi kienu qed jafdaw lill-provditur tas-servizz u qaghdu fuq dak li qalilhom, jigifieri li jissiehbu mieghu f'azzjoni legali biex jippruvaw jirkupraw flushom. Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz permezz tad-direttur, Andre Micallef, kien qed jghid fil-midja li kien ghadu kmieni wisq biex wiehed jasal f'xi konkluzjoni:

*'Mr Micallef yesterday insisted it was too early to jump to conclusions and said that the Danish authorities were dealing with a case of fraud'.*[9]

Il-provditur tas-servizz kien qed inissel it-tama fl-ilmentaturi li setghu jiehdu flushom u, ghalhekk, huwa ingust u jkunu qed jagixxu *in mala fede* jekk l-ewwel wieghdu lill-ilmentaturi li setghu jirkupraw flushom u issa qed jghidu li l-kaz huwa preskritt mid-data li ntalbu minnhom stess il-prokura bit-tama li jirkupraw flushom.

Fit-13 ta' Mejju 2016,[10] il-provditur tas-servizz baghat ittra lill-ilmentaturi fejn, fost affarijiet ohra, qalilhom li kien qed izommhom aggornati[11] dwar il-'*final status of the three bankruptcy estates pertaining to CECA Eurus Safe Fund',* u fl-

[8] A fol. 414
[9] A fol. 109
[10] A fol. 23
[11] *'We would like to update you…'*

ahhar tal-ittra baghatilhom cekk *'finali'* ta' €57.78, ghall-ammont kollu li kienu investew. Fi kliem iehor, kien qed jghidilhom li l-kaz wasal fi tmiemu. Anzi, anke f'din l-ittra baqa' jittamahom tant li qalilhom li kien qieghed jaghmel l-attentat ahhari biex jirkupra xi flus ohra:

'*May we remind you that as a final attempt to try to recoup further funds in the future. MFSP had put forward a compensation claim with the Danish Enforcement Court….in order to attempt the recovery of some other funds due to the creditors of the Eurus Safe Fund Account'.*[12]

Kien f'dak il-mument li verament l-ilmentaturi setghu jiehdu azzjoni kontra l-provditur tas-servizz. Galadarba l-provditur baqa' jittamahom li setghu jirkupraw flushom, u huma fdawh tant li ffirmawlu prokura biex ikun jista' jipprocedi, issa ma jistax il-provditur tas-servizz jinqieghda b'cirkostanzi li holoqhom hu stess biex juzahom ta' difiza ghalih. Jekk verament il-provditur tas-servizz fl-2011, meta talab il-prokura tal-ilmentaturi kien jemmen li ma setghux jirkupraw flushom, allura kien qed jagixxi *in mala fede* biex l-ilmentaturi ma jiehdux passi kontrih. L-ebda preskrizzjoni ma tista' tghaddi a bazi tal-*mala fede*.

Ghalhekk, il-mument oggettiv minn meta setghet tigi ezercitata din l-azzjoni ma setax kien qabel l-ittra tat-13 ta' Mejju 2016, meta intqal lilhom li kienu qed jinghataw *update* dwar il-*'final status'* tal *bankruptcy estates* tal-*Fund* li kienu investew fih. Jekk wiehed jifli sew din l-ittra jara li anke sa dakinhar, il-provdituri baqghu inisslu t-tama lill-ilmentaturi li setghu jirkupraw xi flus.

Mit-13 ta' Mejju 2016 sat-23 ta' Dicembru 2016, meta l-ilmentaturi fethu l-kaz quddiem l-Arbitru, m'ghaddewx il-hames snin skont l-Artikolu 2156(f) tal-KAP. 16 u, ghalhekk, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[13]

L-Arbitru ra u rrifletta sew fuq il-pozizzjoni tal-partijiet u r-ragunijiet li taw biex isahhu l-verzjoni taghhom u wasal ghall-konkluzjonijiet li gejjin:

[12] A fol. 24
[13] KAP. 555, Art. 19 (3)(b)

**Il-Fatti ewlenin tal-kaz huma s-segwenti:**

1.1. F'Dicembru 2009, l-ilmentaturi ipprovdew is-somma ta' EUR30,900 lill-provditur tas-servizz biex tigi investita fil-*EURUS Safe Fund Account 2009 I A/S ('EURUS' jew 'EURUS Safe').* Il-*EURUS* gie offrut lill-ilmentaturi mill-provditur tas-servizz bhala prodott ta' investiment fuq bazi ta' '*promote and sell*'. Il-provditur tas-servizz kien ir-rapprezentant esklussiv tal-*EURUS* gewwa Malta. Hekk kif johrog mis-*subscription form* datata 16 ta' Dicembru 2009, kif ukoll mid-*Debt Letter* datata 1 ta' Jannar 2010, mahruga fir-rigward ta' dan l-investiment, l-ammont nett investit fil-*EURUS* kien jammonta ghal-Eur30,000.[14]

1.2. Skont id-dokumentazzjoni ipprovduta l-*EURUS* kellhu jhallas '*an annualized gross return of 15%*'.[15] L-investituri inhargitilhom '*Debt Letter*' bhala parti mill-arrangament ta' dan l-investiment. L-ilmentaturi ircevew xi interessi fis-sena 2010 ghall-ammonti ta' Eur750 ghall-perjodu li ghalaq 28 ta' Frar 2010, Eur1,125 ghall- perjodu li ghalaq 31 ta' Mejju 2010, u Eur1,125 ghall-perjodu li ghalaq 31 ta' Awissu 2010.[16] L-investituri fil-*EURUS* inkluz l-ilmentaturi izda ma rcevewx l-interessi f'Dicembru 2010, u l-providur tas-servizz, li kien ukoll investitur innifsu fil-*EURUS*, beda jara x'passi seta' jiehu.

1.3. Minn laqghat li saru f'Dicembru 2010 stess[17] li ufficjali tal-providur tas-servizz kellhom ma' Per Norgaard, il-mohh wara l-*EURUS,* hareg li kien hemm tbaghbis u mizapproprijazzjoni mill-istess Per Norgaard tal-fondi investiti. F'Dicembru 2010, il-provditur tas-servizz ikkuntattja avukat Daniz, Martin Gras Lind, biex jinvestiga s-sitwazzjoni u jirrakkomanda l-mizuri necessarji biex jigu rkuprati l-fondi. Sar rapport estensiv ta' 31 pagna f'dan ir-rigward minn Martin Gras Lind li jgib id-data tal-10 ta' Jannar 2011.[18]

1.4. F'Jannar 2011, gew involuti ukoll il-pulizija Daniza u, sussegwentament, ittiehdu passi legali kontra Per Norgaard inkluz il-kumpanija tieghu il-*CECA FormueInvest ApS,* li kienet l-*investment advisor* tal-*EURUS* u li taghha Per Norgaard kien il-*Managing Director*.

[14] A fol. 20 u 38
[15] A fol. 13
[16] A fol. 89-91
[17] A fol. 158
[18] Fejn il-firma tieghu – A fol. 170

1.5. F'ittra datata 28 ta' Novembru 2011, mill-*Copenhagen West Police* lill-provditur tas-servizz, gie indikat li taht ordni tal-Qorti, Per Norgaard ittiehed fil-kustodja tal-pulizija f'Ottubru 2011, wara li kien hemm suspett ragonevoli li dan ikkommetta '*fraud and forgery against MFSP*'. Hekk kif imnizzel fl-istess ittra, l-Qorti mxiet fuq il-bazi ta' dawn il-fatti f'dan ir-rigward:[19]

- '*that companies mentioned in Per Norgaard's prospectus, were not registered in DK when the funds were transferred from Malta to DK*
- *that the law firm and the accountants mentioned in the prospectuses never approved the prospectus*
- *the 'audit reports' [mahrugin fir-rigward il-EURUS] probably have been forged*'.

1.6. F'ittra datata 4 ta' Jannar 2013, mill-*Copenhagen West Police* lill-provditur tas-servizz gie indikat ukoll li l-investigazzjoni kontra Per Norgaard giet konkluza f'Settembru 2012. Hemm indikat li '*the case has been handed over to the prosecutor for indictment and prosecution*'…u '*the investigation has not been able to track down any proceeds from the fraud*'.[20] Per Norgaard, sussegwentament, wehel sentejn u disa' xhur habs fit-2 ta' Settembru 2014, '*due to criminal breach of trust in an amount of DKK45.6 million and defrauding investors*'.[21]

1.7. Hekk kif indikat f'wiehed mid-dokumenti ipprovduti f'dan il-kaz, '*MFSP filed a claim of over Eur7.3 million pursuant to the Danish Bankruptcy Act*' fir-rigward il-*EURUS*.[22] Matul is-snin tqassmu numru ta' cirkulari lill-investituri fuq l-istat tal-*bankruptcy estates* relatati mal-*EURUS*.[23]

1.8. Permezz ta' ittra datata 13 ta' Mejju 2016, l-ilmentaturi gew ipprovduti b'rapport finali mill-provditur tas-servizz fuq l-istat tal-*bankruptcy estates* relatati mal-*EURUS*, u l-ilmentaturi inghataw *cheque* ghall-ammont ta' Eur57.78 biss bhala *settlement pro rata.* Dan kien il-proporzjon mill-

[19] A fol. 72/260
[20] A fol. 261.
[21] Skont ittra datata 1 ta' Novembru 2016, minghand l-avukati tal-provditur tas-servizz – A fol. 32
[22] A fol. 25
[23] A fol. 212-251

ammont li baqa' mill-assi irkuprati ta' Eur68,727.59, li minnhom tnaqqsu l-hlas dovut (ghall-ammont ta' iktar minn Eur55,000) fosthom lill- avukati Danizi li gew appuntati bl-awtorizzazzjoni tal-investituri, inkluz l-ilmentaturi.

**Aspetti ohra relevanti ghall-kaz:**

1.9. Madwar Awissu 2009, Per Norgaard u ufficjali tal-provditur tas-servizz iltaqghu ma' avukat lokali fejn kisbu parir b'mod verbali fuq il-*EURUS* u fejn inghad li dan l-avukat, fil-fehma tieghu, ikkonkluda li n-natura tal-*EURUS* kien tat-tip *transferable security* u jaqa' taht l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment u li ghalhekk seta' jinbiegh mill-provditur tas-servizz. Izda dan il-parir ma kienx bil-miktub.[24]

Gie wkoll spjegat li meta Per Norgaard xtaq jibda jopera minn Malta huwa kien gie ntrodott ma' avukati lokali ohra fil-bidu tas-sena 2010, fejn qamet diskussjoni fuq il-*EURUS*, u fejn fis-27 ta' Frar 2010, dawn l-avukati lokali ikkomunikaw b'mod formali li n-natura tal-prodott kienet ambigwa.

1.10 Il-provditur tas-servizz ghalhekk waqaf joffri l-*EURUS* fl-ahhar ta' Frar 2010. Hekk kif specifikat fir-rapport ta' Martin Gras Lind, '*The reason was that from a regulatory point of view, MFSP questioned the type of investment and whether it fell under the scope of MFSP's licence*'.[25] L-istess rapport jispecifika li l-avukati lokali tqabbdu '*to investigate the precise nature of the EURUS Safe Fund A/C as to whether it was actually an investment product or a banking/money broking product and therefore not within the scope of MFSP's licence*', fejn irrizulta li '*Through this research it transpired that EURUS Safe was in fact not an investment product per se, and proceedings were started by Per Norgaard through … in order to change the structure of the product from a money-broking product type to a bond structure*'.[26]

Hekk kif ukoll indikat fir-rapport ta' Martin Gras Lind, kien hemm numru sostanzjali ta' investimenti minn investituri lokali fil-*EURUS* inkluz investiment ta' Eur100,000 mill-provditur tas-servizz. F'dan ir-rigward, gie specifikat li '*Following its own investment of Eur100,000, MFSP provided*

[24] A fol. 269; 365
[25] A fol. 156
[26] Ibid

*contact to 105 Maltese investors as part of the company's role as investment intermediary in Malta'.* Fl-istess rapport gie specifikat li dawn l-investituri kollha kellhom *'…loan portfolios amount[ing] to more than DKK50million…'*. F'dokument iehor mill-istess avukat hemm specifikat li '*Maltese investors are the largest group of creditors*'.[27]

## 2. Analizi tal-*EURUS*

Fuq il-pagna ta' quddiem tal-*Brochure* ta' hames pagni tal-*EURUS* (li jidher li kien id-dokument principali ipprovdut lill-ilmentaturi mill-provditur tas-servizz bhala deskrizzjoni tal-*EURUS* u l-karatteristici tieghu) hemm miktub b'mod prominenti dan li gej:

'*EURUS Safe Fund Account*

<u>*Fund Account with Fixed Dividend of 15%*</u>'[28]

Fid-dokument imsemmi, l-*EURUS* huwa deskritt bhala '*a company that can deliver positive returns in both good and bad markets through currency investing*'.[29] Il-*brochure* jispjega li l-*EURUS* jipprovdi garanzija ta' pagament ta' interessi fissi kull tlett xhur ta' 3.75% ekwivalenti ghal '*annualized gross return of 15%*'. F'pagna 2 tal-*Brochure* fil-fatt hemm specifikat li:[30]

'*We are so confident that we can make positive returns for our investors that we guarantee:*

- *A fixed interest to our investors, equal to an annualized gross return of 15%*
- *The guaranteed fixed interest is paid quarterly*
- *Liquidity to exit the investment when you choose*'

Hemm referenza wkoll li l-kumpanija *EURUS Safe Fund Account 2009 I A/S* ('*EURUS Safe'*) tiggenera profitt mis-self ta' kapital lil kumpanija ohra bl-isem ta' *EURUS Invest 2009 I A/S* ('*EURUS Invest'*), fejn din ta'l-ahhar hija deskritta bhala

---

[27] A fol. 202
[28] A fol. 12
[29] A fol. 13
[30] ibid

'*investment company*' bl-ghan '*to generate profit to investors by daily trading in the currencies of the European Union and the United States of America (EUR/USD)*'.[31] Id-dokument jiddeskrivi li l-*EURUS Invest* appuntat kumpanija Daniza, *CECA FormueInvest A/S*, li tispecjalizza f'*currency trading,* bhala *Investment Adviser*.

Hemm indikat ukoll li '*EURUS Invest brings together one or a number of investors (hereafter 'High Risk Investor')*'.[32] Ghalkemm din is-sentenza, fost diversi sezzjonijiet ohrajn tad-dokument, mhix cara jidher li r-referenza ghal '*High Risk Investor*' li ssir f'paragrafi sussegwenti timplika li l-*EURUS Invest* hija l-*High Risk Investor* referit fid-dokument.

Il-*Brochure* jispjega wkoll li l-*High Risk Investor* u l-*Investment Advisor* jircievu qligh mill-profitt li jsir mill-*currency trading* wara li l-*EURUS Safe* tircievi l-interessi imsemmija, fejn il-profitti li jibqa' huma maqsumin 33% ghal *High Risk Investor* u 67% bhala *performance fee* ghall-*Investment Advisor*.

Hemm referenza li bhala *security* ghas-self u l-pagament ta' interessi kull tlett xhur, il-*High Risk Investor* jassumi r-responsabbilità li jipprovdi '*a security capital that represents 16.67% of the loan from EURUS Safe*'.[33] Minkejja li s-*security capital* kienet tirrapprezenta 16.67% biss tas-self, il-*Brochure* jispecifika li:

'*The Guaranteed Investors are therefore <u>ensured at all times</u> that:*

1. *Their loan to EURUS Invest – <u>and therefore their deposits in EURUS Safe – is always intact</u>, and*
2. *<u>They receive a minimum of 4 months interest</u>*".[34]

Il-*Brochure* isemmi wkoll proceduri ta' *risk management* u *stop loss mechanisms* li japplikaw f'kaz ta' telf fuq il-*currency trading,* fejn fic-cirkostanzi li t-telf jilhaq l-8%, il-*EURUS Invest* taghlaq il-pozizzjonijiet kollha taghha fuq it-*trades* li jkollha u taghmel tajjeb ghall-parti ta' *security capital* li jkun naqas fejn hija ghandha ggibu lura fil-pozizzjoni precedenti qabel ma jerga' jibda t-*trading*.

[31] Ibid
[32] Ibid
[33] Ibid
[34] Ibid

Fil-*Brochure*, l-investituri fil-*EURUS Safe* huma kontinwament riferuti bhala "*Guaranteed Investors*". Bhala riskji, il-*Brochure* jiffoka biss fuq l-*economic risk*, u m'hemm l-ebda riskji dettaljati fuq diversi aspetti tal-*EURUS* inkluz l-entitajiet involuti, t-*track record* u wisq inqas fuq il-garanziji maghmula kemm fuq il-kapital u kemm fuq l-interessi.

*Ernst & Young* huma indikati fil-*Brochure* li kienu appuntati bhala '*Administrator*' fejn l-obbligi taghhom kienu jinvolvu '*reviewing the clearing of trades with the companies' trading counterparties, operational obligations relating to accounting and related financial management*', kif ukoll '*… verify payments and financial dealings of the companies in accordance with the companies' investment guidelines…*'.

Il-*EURUS Safe* kien johrog '*Debt Letter*' lill-investituri bhala parti mill-arrangament tal-investiment fejn l-investituri kienu ghalhekk jistghu jigu meqjusin li kienu prattikament qeghdin isellfu l-flus lill-*EURUS Safe*. Id-*Debt Letter* tinkludi fil-fatt diversi referenzi ghal '*loan*', u tinkludi terminologiji bhal '*Debtor*' u '*Creditor*'.

Id-*Debt Letter* huwa dokument qasir ta' pagna/tnejn[35] li minnu nnifsu fih diversi aspetti li mhumiex cari, jew li ma jirriflettux b'mod korrett jew preciz dettal materjali tal-arrangamenti jew garanziji hekk kif imsemmija fil-*Brochure.* Per ezempju, id-*Debt Letter* tispecifika li '*The Debtor shall deposit all loan proceeds into an account in the name of EURUS Safe Fund Account 2009 I A/S…and use such proceeds solely for the purpose of implementing a EUR/USD currency trading strategy…selected and overseen by EURUS Invest*',[36] meta fil-*Brochure* huwa specifikat li l-*EURUS Safe* '*aims to generate profit to investors <u>by lending its capital to EURUS Invest</u>…<u>By lending its capital to the High Risk Investor in EURUS Invest, the Guaranteed Investors in EURUS Safe receive</u>…*'.[37]

Fid-*Debt Letter* la r-referenza ghall *EURUS Invest* mhi definita u lanqas ir-referenza ghal '*Risk Investors*'. Lanqas huma msemmija l-garanziji fuq il-pagament ta' interessi jew kapital kif huwa deskritt fil-*Brochure*. L-avukat Daniz,

[35] A fol. 17/A fol. 41 u 42
[36] A fol. 38
[37] A fol. 13

Martin Gras Lind, kellu wkoll diversi kummenti fuq in-nuqqasijiet sostanzjali li kien fih dan id-dokument hekk kif huwa spjegat izjed 'il quddiem.

L-investiment minimu fil-*EURUS* kien ta' Eur15,000, u s-sottoskrizzjonijiet kienu indirizatti lil *Aduro Master Fund SPC Ltd.* (kumpanija) li kienet tidher ghall-*EURUS.*[38]

Il-*EURUS* ma kienx irregolat mill-awtorità finanzjarja Daniza jew xi awtorità ohra, u jidher li gie ikkrejat fis-sena 2009.

Hekk kif deskritt hawn fuq, hemm diversi aspetti li jqanqlu mistoqsijiet dwar il-*EURUS* minn semplici *review* tal-*Brochure.* Apparti n-nuqqas ta' carezza fuq in-natura tieghu, hemm aspetti ohra fuq l-offerta li qieghda issir lill-investituri, inkluz in-nuqqas ta' informazzjoni, fosthom, fuq ir-riskji applikabbli, minn meta beda jopera u t-*track record* tieghu, fuq il-kumpaniji principali u s-sahha finanzjarja taghhom u l-bazi tal-garanziji pprovduti. Nuqqas ta' informazzjoni u ta' carezza ohrajn jirrelataw ma' kif ir-rata fissa ta' interessi ta' kull tlett xhur qieghda tigi garantita lill-investituri b'mod kontinwu peress li din kienet tiddependi mill-*performance* tal-*currency trading* u l-kapacità finanzjarja tal-*High Risk Investor* li jzomm il-livell ta' *security capital* indikat. Huwa meqjus li hemm ukoll nuqqas ta' dettal tal-kontrolli ta' governanza biex jizguraw li l-flus qeghdin jigu investiti kif suppost u mizmumin taht il-kontroll ta' persuni jew entitajiet indipendenti minn dawk li sselfu l-flus ghal salvagwardja tal-flus tal-investituri.

## 3. Osservazzjonijiet u Konkluzjonijiet Finali

3.1. Hemm diversi aspetti krucjali relatati ma' dan l-ilment, fosthom rigward in-nuqqas ta' carezza fuq in-natura tal-*EURUS* u l-implikazzjonijiet li din iggib maghha, id-*due diligence* li sar fuq il-*EURUS* innifsu bhala '*prodott*' qabel kif ukoll b'mod kontinwu wara li dan gie offrut lill-ilmentaturi. Kif ukoll, l-adekwatezza tal-*EURUS* ghall-ilmentaturi u l-mod ta' kif dan inbiegh lilhom.

[38] A fol. 20

**In-natura tal-*EURUS***

3.2. In-nuqqas ta' carezza fuq in-natura tal-*EURUS* u jekk dan kienx prodott ta' investiment finanzjarju li jaqa' taht il-ligi tas-servizzi ta' investimenti jew *MiFID*, hija wahda li kienet evidenti mill-bidu nett qabel ma l-*EURUS* kien offrut lill-investituri. Meta wiehed jikkunsidra t-tip ta' dokumentazzjoni mahruga fir-rigward tal-*EURUS*, fejn l-investiment kien qieghed isir fuq il-bazi ta' *Debt Letter* li minnha nnifisha timplika dejn jew self kif ukoll il-lingwagg u t-terminologiji wzati fl-istess dokumentazzjoni, ma jistax ma jitqanqlux mistoqsijiet fuq in-natura tal-prodott izjed u izjed minn provditur ta' servizzi ta' investimenti li jaf x'tip ta' dokumentazzjoni tintuza fi prodotti li jaqghu taht il-ligi tas-servizzi ta' investimenti.

**Id-dubju fuq in-natura tal-*EURUS* kienet cara mill-bidu nett u f'cirkustanzi bhal dawn kien nuqqas evidenti u serju li l-provditur tas-servizz ma gabx il-komfort sufficjenti minn qabel ma beda jippromwovi u joffri l-*EURUS.* Il-*EURUS* gie mibjugh mill-provditur tas-servizz mis-sena 2009 sa Frar 2010, fuq skala daqshekk kbira li wassal ghal numru konsiderevoli ta' Maltin ('il fuq minn mija) jinvestu miljuni ta' flus.**

L-allegazzjoni tal-provditur tas-servizz li ngiebet opinjoni b'mod verbali biss qabel ma nbiegh il-prodott, f'dawn ic-cirkostanzi hija meqjusa bhala verifika relattivament superficjali ghall-ahhar. Dan meta wiehed jikkunsidra li la *legal opinion* bil-miktub ma nkisbet u lanqas ma tqajjem dan l-aspett mill-ewwel mal-Awtorità qabel ma beda jinbiegh il-prodott. Hekk kellu jaghmel provditur tas-servizz prudenti fl-ahjar interessi tal-investituri. L-opinjonijiet minn avukati lokali kif ukoll mill-avukati Danizi *saru biss wara*, fi Frar u Marzu 2010.

3.3. In-nuqqas ta' carezza fuq in-natura tal-*EURUS* li tohrog mill-ewwel b'mod evidenti hija ikkorraborata fl-opinjoni legali bil-miktub datata 27 ta' Frar 2010, mahruga minn avukati lokali lill-provditur tas-servizz fejn dawn specifikaw b'mod skjett li '*the wording used through the prospectus and the debt letter <u>are ambiguous at best</u>, thus not permitting a conclusive legal determination of the product*'.

3.4. Anke l-*MFSA* fl-ittra taghha lill-provditur tas-servizz datata 8 ta' April 2010, fil-fatt, specifikat li l-informazzjoni moghtija lilhom ma tipprovdix bazi cara

biex tiddetermina n-natura tal-*EURUS*, anzi fl-istess ittra l-Awtorità tispecifika li '*There are many references in the prospectus as well as in the debt letter to a "loan" from investors and indeed the instrument/debt letter does not appear to be any different to a form of a pure loan agreement which falls outside the scope of the ISA*".

In-natura tal-*EURUS* bhala self, jew '*loan*' hija msemmija b'mod car ukoll diversi drabi fl-analizi li Martin Gras Lind, l-avukat imqabbad mill-provditur tas-servizz ghamel fir-rapport tieghu ta' Jannar 2011, fejn dan specifika li '*…the company was to arrange the conclusion of agreements on loans/instruments of debt from a number of investors in Malta*', kif ukoll '*Following its own investment of Eur100,000, MFSP provided contact to 105 Maltese investors as part of the company's role as investment intermediary in Malta. All these investors, whose loan portfolios amount to more than DKK50million…*'.[39]

3.5. Hekk kif imsemmi f'ittra mill-*MFSA* indirizzata lill-provditur tas-servizz datata 12 ta' Mejju 2010, il-bejgh tal-*EURUS* mill-provditur tas-servizz kien jitlob natura ta' licenzja u awtorizzazzjoni differenti minn dik li kellu.

Huwa fatt li l-ilmentaturi inbieghilhom il-*EURUS* fuq il-bazi hazina li kien prodott ta' investiment taht il-Ligi ta' Servizzi ta' Investiment (*Investment Services Act*), li tirrifletti l-*MiFID*, meta dan ma kienx il-kaz.

Huwa fatt ukoll li l-provditur tas-servizz biegh il-*EURUS* minghajr l-awtorizzazzjoni jew licenzji necessarji hawn Malta peress li l-*EURUS* ma kienx kopert taht il-Ligi tas-Servizzi ta' Investiment.

***Due Diligence***

3.6 Minkejja li l-provditur tas-servizz ghamel verifiki mar-regolatur Daniz fuq il-licenzja tal-*Investment Advisor*, johrog b'mod car u bla ebda ekwivoku li d-*due diligence* kollettiv fuq il-*EURUS* kellu nuqqasijiet serji fejn lanqas biss gew ivverifikati l-ezistenza taz-zewg kumpaniji principali Danizi imsemmija fid-dokumentazzjoni tal-*EURUS* jigifieri il-*EURUS Safe Fund Account 2009 I A/S* u *EURUS Invest 2009 I A/S.*

[39] A fol. 146 u 156.

Dawn iz-zewg kumpaniji lanqas biss kienu jezistu hekk kif gie specifikat fl-ittra tal-Awtorità datata 12 ta' Mejju 2010, fejn l-*MFSA* uriet it-thassib taghha wara li giet infurmata mir-regulator Daniz li '*EURUS Safe Fund Account 2009 I A/S and EURUS Invest 2009 I A/S do not exist in the Danish and Commerce and Companies Agency Register*'.[40]

3.7 Wiehed iqis ukoll li t–*track record* ta' *CECA FormueInvest ApS* bhala kumpanija regolata kien relattivament wiehed qasir, ta' inqas minn sentejn, kif ukoll li l-*EURUS* minnu nnifsu ma kellu l-ebda *track record* jew xi *financial statements* u lanqas kien xi prodott regolat. Ghalhekk wiehed kellu jezercita izjed kawtela u jaghmel approfondiment u analizi ferm aktar iddettaljata.

Il-verifikazzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-*advisor*, *CECA FormueInvest ApS,* hija ghalhekk ikkunsidrata li kienet biss parti mill-verifiki li kellu jaghmel il-provditur tas-servizz.

Ma jistax jinghad li d-*due diligence* li sar kien wiehed adekwat u komplut fic-cirkostanzi u li ttiehdu mizuri ragonevoli u sufficjenti min-naha tal-provditur tas-servizz biex jissalvagwardjaw b'mod ragonevoli lill-investituri.

Dan meta kien hemm diversi aspetti li kienu jgiegheluk tiftah ghajnejk u tkun kawt. Fost dawn l-aspetti hemm ir-rata gholja ta' imghax li kienet qieghda tigi offruta, il-garanziji offruti ma' din ir-rata, u n-natura xejn cara tal-*EURUS* kif imsemmi hawn fuq.

Wiehed jinnota wkoll li ghalkemm l-*MFSA* ma haditx passi amministrattivi, hija kellha kliem iebes fir-rigward tal-provditur tas-servizz fejn, fl-ittra taghha datata 14 ta' Marzu 2011, irrimarkat '..*it appears that MFSP was at best "naïve"at not being alerted by the high interest offered coupled with the apparent low risk feature, which characteristics clearly contradict the risk/return trade-off*', kif ukoll li '*the Authority would have expected MFSP to exercise far greater caution to clearly determine the precise legal nature of this product before commencing its sale. The Authority wishes to express its serious concern in respect of the basis for MFSP's selection of this "product" as well as regarding the apparent lack of sufficient due care*

[40] Parti mid-dokumenti ipprezentati minn Dr Mizzi Buontempo, ufficjal tal-*MFSA,* matul ix-xhieda taghha fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2017.

*exercised to determine the precise legal nature of the instrument before its sale by the company in terms of its Investment Service Licence*'.

3.8 L-analizi tal-*EURUS* mill-provditur tas-servizz tidher li kienet wahda superficjali u mhux adekwata bizzejjed meta wiehed jikkunsidra d-diversi problemi u nuqqasijiet li gew identifikati kif imsemmi hawn fuq kif ukoll fid-dettal hawn taht.

***Due diligence* kontinwu**

3.9 Hemm zbalji skjetti anke fir-rapporti falsifikati tal-awdituri *Ernst & Young* ('*EY*') fuq l-andament tal-*EURUS* li gew ipprovduti lill-provditur tas-servizz.

F'dawn ir-rapporti saret referenza ghal isem simili izda hazin, u dan billi jirreferu ghal ***EURUS Safe Fund Account 2009 I ApS*** u mhux ghal ***EURUS Safe Fund Account 2009 I A/S.*** Hemm zball materjali wkoll fid-dati fl-istess rapporti rigward il-*performance* ghal Settembru 2009, Ottubru 2009 u Novembru 2009.

Wiehed jinnota dan li gej f'dan ir-rigward:

Ir-rapport **datat l-1 ta' Frar 2010,** mahrug fuq *letterheads* ta' *EY* fuq il-*performance* ghal Settembru 2009, jispecifika dan:

'*We have reviewed the performance report prepared by the management of EURUS Safe Fund Account 2009 I ApS dated October 1st 2010, and can confirm the following result for September 2009*'.

Ir-rapport rigward il-*performance* ghal Ottubru 2009, li lanqas huwa datat, jispecifika dan:

'*We have reviewed the performance report prepared by the management of EURUS Safe Fund Account 2009 I ApS dated November 1st 2010, and can confirm the following result for October 2009*'.

Ir-rapport datat l-**1 ta' Frar 2010,** mahrug fuq *letterheads* ta' *EY* rigward il-*performance* ghal Novembru 2009, jispecifika dan:

'*We have reviewed the performance report prepared by the management of EURUS Safe Fund Account 2009 I ApS* *dated December 1st 2010,* *and can confirm the following result* *for November 2009*'.

3.10 In-natura u l-format ta' dawn ir-rapporti, suppost mahrugin minn kumpanija ta' awdituri, hija wahda li minnha nnifisha kellha tqanqal certu mistoqsijiet specjalment meta awditur tipikament johrog konfermi jew dikjarazzjonijiet fejn dawn ikollhom diversi *disclaimers.* F'dan il-kaz, ma kien hemm xejn minn dan. Aktar minn hekk, l-izbalji espliciti fir-rapporti kif imsemmija hawn fuq, ma tistennihomx minn rapporti ta' awdituri internazzjonjali, u minnhom infushom kellhom iqanqlu dubju serju u mistoqsijiet min-naha tal-provditur tas-servizz dwar il-veracità taghhom.

Ghalhekk, il-provditur tas-servizz kien ragonevolment mistenni li jkollu thassib u jiehu passi sa mid-data tal-ewwel rapport; fosthom jitlob kjarifikazzjonijiet fuq in-natura u l-izbalji materjali, minflok li jkompli jibqa' jaccetta investimenti sal-ahhar ta' Frar 2010.[41] Gie kkoncernat biss f'Dicembru 2010,[42] meta jidher li kien tard wisq biex jigu rkuprati l-flus.

3.11 Wiehed jinnota wkoll li hekk kif deskritt fir-rapport ta' Martin Gras Lind *'CECA FormueInvest ApS obtained licence from the Danish Financial Supervisory Authority on 18 March 2008 to conduct investment advice ….the licence to conduct investment advice … under the Authority was revoked on 24 March 2010'*.[43] Jidher li din il-licenzja tal-*Investment Advisor* giet irtirata f'Marzu 2010, wara rikjesta mill-kumpanija stess.[44] Ma harget l-ebda informazzjoni jew spjegazzjoni jekk dan l-izvilupp materjali li kellu wkoll iqanqal certu thassib, kienx segwit u investigat mill-provditur tas-servizz.

### Aspetti ohra relatati ma' *due diligence* adekwat

---

[41] Hekk kif indikat fl-ahhar paragrafu tar-rapport ta' Martin Gras Lind, li jgorr id-data tal-10 ta' Jannar 2011, fejn il-firma tieghu – A fol. 170

[42] Hekk kif indikat f'pagna 18 tar-rapport ta' Martin Gras Lind '*On 1 December 2010 MFSP and the Maltese investors became concerned about the investment because the guaranteed quarterly interest was not paid as it had until then*' – A fol. 157

[43] A fol. 157

[44] A fol. 188

3.12 Fir-rapport ta' Martin Gras Lind, ikkommissjonat mill-provditur tas-servizz stess, johorgu b'mod car u kategoriku diversi nuqqasijiet materjali relatati mal-*EURUS*, li l-provditur tas-servizz b'analizi profonda u adekwata, kif ukoll possibilment b'assistenza legali, kellu jkun f'pozizzjoni li jidentifika mill-bidu nett. F'dan ir-rigward, wiehed jinnota fosthom dawn l-osservazzjonijiet maghmula fir-rapport ta' Martin Gras Lind:

- *'The report indicates that forged documents/auditors' reports were used to enter into the agreements, <u>and that the Danish company which acted as the contracting party does not exist, and never has, as a company registered in Denmark</u>.'* (A fol. 141)

- B'referenza ghal *Debt Letter*, gie specifikat li '*The agreement was entered into with Aduro Master Fund SPC Ltd for EUROS Safe Fund Account 2009 I A/S…. <u>It is thus neither common or legally appropriate to identify a contracting party with such inherent obscurity</u>*". (A fol. 159)

- '*<u>An additional problem is that the draft instrument of debt in the prospectus differs on several important points from the instrument of debt which was actually signed.</u>*' (A fol. 160). Saret referenza anke f'dan ir-rigward li ma kienx hemm referenza fid-*Debt Letter* iffirmata li talbiet fir-rigward ta' '*errors or omissions*' huma suggetti ghal-ligi Daniza;

- '*<u>A further important legal problem is that EURUS Safe Fund Account 2009 I A/S does not exist as a Danish company.</u> I have received confirmation from the British Virgin Islands Financial Services Commission and from lawyers in the British Virgin Islands that the company is not registered in the British Virgin Islands. A Danish company with the same name, object, etc., does exist with a different legal structure, viz. EURUS Safe Fund Account 2009 I ApS, with CVR no. (company ID number) 31080193.'* (A fol. 160)

- *'<u>There is thus no immediate Danish contracting party – and the question is then: against whom can claims arising from the instrument of debt be made in Denmark?</u>*" (A fol. 161)

- '*…the prospectus advises that the activities are basically conducted via two companies EURUS Safe Fund Account 2009 I A/S and the Investment Company EURUS Invest 2009 I A/S…. However, the instrument of debt indicated EURUS Safe Fund Account 2009 I A/S only*';

- '*… the judge will find that creditors ought to have been surprised about the obscure constellation and ought to have had this clarified before signing, since any party has a duty to be cautious under the Caveat Emptor doctrine. In addition, the whole set-up of the investment via the British Virgin Islands seems immediately shady*.' (A fol. 160/161)

- '*It appears almost as if it was a conscious objective to make the basis of the investments as opaque and impenetrable as possible. Per Norgaard and CECA INVEST were already being publicly criticised for this in 2009, and the Danish shareholders' association warned against entering into agreements with these parties*.' (A fol. 169)

**Inkonsistenzi u aspetti ohra**

3.13 Fl-affidavit ta' ufficjal tal-provditur tas-servizz datat 8 ta' Mejju 2017, paragrafu 23, jinghad li r-regolatur Daniz '*ikkonfermaw li CECA FormueInvest ApS kienet awtorizzata mir-regolatur Daniz fit-18 ta' Marzu 2008, u li l-fond minnha awtorizzat 'fulfil the requirements for having an authorisation…'*.

Wiehed jinnota li anke f'dan l-affidavit, il-provditur tas-servizz baqa' fl-istat konfuzjonarju ta' dan il-*'prodott'* ghax il-*EURUS* ma kienx fond u ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni. Lanqas il-komunikazzjoni tar-regolatur Daniz, ipprezentata bhala parti mid-dokumentazzjoni rigward dan l-ilment, ma taghmel l-ebda rferenza ghal xi fond.

**Il-mod kif inbiegh il-*EURUS* lill-ilmentaturi**

3.14 Il-mod ta' kif inbiegh il-*EURUS* lill-ilmentaturi, fejn il-provditur tas-servizz ma ltaqax maghhom izda ipprovda dokumentazzjoni u ikkomunika mat-

tifel taghhom biss, hija wkoll prattika li bl-ebda mod ma tista' tkun meqjusa adekwata jew professjonali.

Il-klijenti tal-provditur tas-servizz kienu biss l-ilmentaturi u t-tifel taghhom la kien xi *investment advisor* u lanqas kien qieghed jagixxi f'dan ir-rwol jew jokkupa xi kariga jew rwol iehor ghall-provditur tas-servizz. Ma giet ipprezentata l-ebda prokura li tawtorizza lit-tifel biex jidher ghall-ilmentaturi izda s-sehem tieghu kien illi jiffacilita t-tqassim tad-dokumentazzjoni bejn iz-zewg partijiet.

Dawn in-nuqqasijiet serji fil-metodu tal-bejgh tal-*EURUS* lill-ilmentaturi ma jirriflettix agir adekwat, prudenti u fl-ahjar interess tal-konsumatur, u lanqas prattici mistennija minn provdituri ta' servizzi ta' investiment.

Tant il-bejgh tal-*EURUS* kien nebuluz li anke l-ufficjal tal-provditur tas-servizz, Lorraine Falzon, tibqa' tinsisti fl-affidavit taghha li dan il-prodott inbiegh a bazi ta' '*promote and sell/execution only*.' Dawn huma kuncetti li japplikaw ghall-investimenti li kienu koperti bir-Regoli taht il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta; kif gie spjegat aktar 'il fuq, il-*EURUS* ma jistax jitqies f'din il-kategorija. Aktar kellu min-natura ta' *loan* milli ta' investiment.

Il-fatt li l-ilmentaturi seta' kellhom xi investimenti ohra ma jeskulpax lill-provditur tas-servizz milli kellu jaghmel *due diligence* serja u professjonali kif imsemmi aktar 'il fuq f'din id-decizjoni. Dan l-aktar meta kien qed jinvesti miljuni ta' ewro ta' hafna investituri Maltin.

Il-fatt li l-provditur tas-servizz seta' ma kienx ghaqli u professjonali bizzejjed meta investa xi flus huwa ukoll fil-*EURUS*, ma jaghtih l-ebda difiza biex jittraskura flus haddiehor.

**Ghar-ragunijiet kollha 'l fuq moghtija, l-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li l-ilment huwa wiehed ekwu, gust u ragonevoli.**

Huma aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-ilmentaturi, **ai termini ta' Artikolu 19(3)(c) tal-Kap. 555,** li jistennew li l-provditur tas-servizz kellu jaghmel *due diligence* adekwat fuq il-*EURUS* u jezercita diligenza professjonali kemm qabel u matul l-investiment, izjed u izjed meta wiehed jikkunsidra n-natura u struttura partikolari u xejn konvenzjonali tal-*EURUS.* Hekk kif indikat hawn fuq, hemm negligenza u nuqqasijiet serji min-naha tal-provditur tas-servizz li ma mexiex

b'mod prudenti u ma ezercitax diligenza professjonali hekk kif kien ragonevolment mistenni minnu u dan wassal biex kien hemm inadempjenza kuntrattwali.

Ghal ragunijiet ampjament imsemmija hawn fuq huwa ikkunsidrat li kieku sar analizi u *due diligence* bir-reqqa, bi prudenza u b'mod estensiv u komplut fir-rigward tal-*EURUS*, hekk kif wiehed ragonevolment u legittimament jistenna mill-provditur tas-servizz, kienu johorgu mill-ewwel, b'mod evidenti u car, il-problemi u n-nuqqasijiet materjali li kellu l-*EURUS*. Diversi nuqqasijiet materjali gew, fil-fatt, immedjatament identifikati kemm mill-avukat Martin Gras Lind, l-avukati lokali li taw l-opinjoni taghhom fuq il-*EURUS* bil-miktub, kif ukoll l-*MFSA* hekk kif indikat hawn fuq.

Peress li bejn il-partijiet kienet tezisti relazzjoni fiducjarja, fic-cirkostanzi l-provditur tas-servizz m'ezercitax id-diligenza ta' *bonus pater familias* fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tieghu bhala provditur tas-servizz hekk kif rikjest minn Artikolu 1124(A)(4)(a) tal-Kap. 16, u dan minhabba d-diversi nuqqasijiet imsemmija, fosthom fuq *id-due diligence* u fuq l-offerta tal-*EURUS* minghajr l-awtorizzazzjoni necessarja mill-*MFSA.*

Il-provditur tas-servizz kien ukoll irresponsabbli meta investa lill-ilmentaturi ammont daqshekk kbir fi prodott wiehed u ma ddiversifikalhomx l-investiment taghhom kif kellu obbligu li jaghmel.

Ghalhekk, ukoll, ma jistax jitqies li l-provditur agixxa fl-ahjar interessi tal-ilmentaturi, kif kull provditur tas-servizz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji ghandu jaghmel.

L-agir tal-provditur tas-servizz wassal ghal telf lill-ilmentaturi fis-somma ta' €30,900. Ghalkemm il-provditur tas-servizz jikkontesta r-responsabbiltà, dan l-ammont m'huwiex kontestat fir-risposta tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha moghtija, l-Arbitru qed jilqa' l-ilment sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni u, ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-KAP. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna lill-*MFSP Financial Management Ltd.* thallas lill-ilmentaturi is-somma ta' tletin elf u disa' mitt ewro (€30,900).

Peress li l-ilmentaturi setghu investew dawn il-flus x'imkien iehor u kellhom '*opportunity loss'* ghandhom izommu kwalunkwe imghax jew rikavat li setghu hadu.

Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji